



**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fit-
23 ta' Settembru 2024 – RU vs All Nippon Airways Co. Ltd.**

(Kawża C-616/24, All Nippon Airways)

(C/2025/140)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Frankfurt am Main

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: RU

Konvenut: All Nippon Airways Co. Ltd.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 8(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 ⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li passiġġier li jkun ħallas għal titjira parzjalment permezz ta' mili ta' passiġġier frekwenti jista' jitlob rimbors monetarju tal-prezz tat-titjira mingħand it-trasportatur tal-ajru effettiv, li ma jkunx il-kontraenti tiegħu?
- 2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:
Il-prezz tat-titjira li għandu jiġi rimborsat mit-trasportatur tal-ajru effettiv jiġi kkalkolat abbażi tat-tariffa disponibbli pubblikament li biha tiġi offruta għall-bejgħ it-titjira kkanċellata inkwistjoni mill-kontraenti jew abbażi tal-valur (medju) tal-mili ta' passiġġier frekwenti użati?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.